CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

383

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Jannar, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1123/2022FDP fl-ismijiet: Grech David vs Grech Lino et,

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on 12th January, 2023, in the acts of the Sworn Application number 1123/2022FDP in the names: Grech David vs Grech Lino et,

ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tapplika Artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 u tordna illi l-propjetà maisonette 47, Doris House, Triq Carmelo Richie, ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, għandha sservi ta' garanzija għall-pretenzjonijiet tas-sekwestrant, occorendo billi tordna illi tiġi iskritti ipoteka f'dan is-sens, u konsegwentement tħassar għal kollox il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Marzu, 2023, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Grech David, 32, Sqaq Lajri, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: According to Article 836(1)(c) of Cap. 12 order that the property maisonette 47, Doris House, Triq Carmelo Richie, Xgħajra, Ħaż-Żabbar, shall serve as a guarantee for the claims of the sequester, occorendo by ordering that a mortgage will be registered in this sense, and consequently the Garnishee Order will be completely canceled in the mentioned names and this under those provisions that it deems appropriate and opportune.

The Sworn Appeal in the names mentioned above is postponed to 16th March, 2023, at 9.30 a.m.

Notification Respondent: Grech David, 32, Sqaq Lajri, Ħaż-Żabbar

Register of the Superior Courts, today 9th February, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

384

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' November, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Olaph John Terribile et vs Charles Grima et, Rikors numru 558/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Charles Grima u Rita Grima a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Olaph John Terribile (KI 838655M) u Ottilia Terribile (KI 709158M) vs Charles Grima (KI 619453M), Rita Grima (KI 845251M) u l-Awtorità tad-Djar (bħala amicus curiae), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fil-21 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti Olaph John Terribilie (KI 838655M) u Ottilia Terribile (KI 810655M) talbu lill dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati Grima huma l-inkwilini tal-fond numru 31, Carmel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid, Malta, ai termini tal-Att XXIII tal-1979 li kienet oriġinarjament konċessa għal sbatax-il (17) sena taħt titolu ta' enfitewsi temporanja b'effett mit-23 ta' Diċembru, 1966, ai termini tal-konċessjoni emfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Dott. Tonio Spiteri;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini Grima li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbiliti fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġ taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien

By means of a decree of the 17th November, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Olaph John Terribile et vs Charles Grima et, Application number 558/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Charles Grima and Rita Grima in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Olaph John Terribile (ID 838655M) and Ottilia Terribile (ID 709158M) vs Charles Grima (ID 619453M), Rita Grima (ID 845251M) and Housing Authority (as amicus curiae), filed in the Rent Regulation Board, on the 21st June, 2022, the applicants Olaph John Terribile (ID 838655M) and Ottilia Terribile (ID 709158M) asked this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondents Grima are the tenants of the premises 31, Carmel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid, Malta, in terms of Act XXIII of 1979 which was originally granted for seventeen 17 years under title of temporary emphyteusis from the 23rd December, 1966, in terms of the temporary emphyteutical concession in the records of Notary Dr Tonio Spiteri;

2. Order that the means test of the tenants Grima be carried out which shall be based on the means test set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria issued under Article 1531F and 1622A of the Civil Code) and any regulations that may from time to time replace

jissostitwixxuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwlini Cauchi bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2021, u fuq il-kapital tal-inkwilini Grima fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena ċjoè 2021;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi fl-eventwalità li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond oriġinarjament 31, Carmel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid, mill-1 ta' Jannar, 2022, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera; u

4. Alternattivament għat-talba preċedenti, jiddikjara u jiddeċiedi li fin-nuqqas jekk l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi li l-intimati jiġu permessi żmien ta' sentejn (2) sabiex jiżgombraw il-fond, oltre li jiġu ordnati jħallsu kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu, liema kumpens għandu jiġi stabbilit mill-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Rikorrenti: Olaph Terribile, Melitta, 15, Triq Sir Arturo Mercieca, In-Naxxar NXR 1333

Ottilia Terribile, Casa Terribile, 5, Triq Bontadini, Ħal Balzan BZN 1730

Intimati: Charles Grima u Rita Grima, 31, Carmel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Olaph John Terribile et vs Charles Grima et, Rikors numru 558/2022JD, jinsab differit għall-31 ta' Mejju, 2023, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

them, which test shall be based on the income of the lessees Grima between 1st January and 31st December, 2021, and on the capital of the lessees Grima on the 31st December of the same year 2021;

3. Declare and decide that in the event that the respondents do satisfy the criteria of the means test for income and capital, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and unencumbered open market value of the premises originally 31, Carmel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid, from the 1st January, 2022, and this by the means of nominated architects and to establish new conditions regarding the rent; and

4. Alternatively for the previous request, declare and decide that in default, if the respondent do not satisfy the criteria of the income and capital of the means test the respondents is granted a period of two (2) years within which to vacate the premises, besides paying compensation to the applicants for occupying the premises during the said time, which compensation shall be established by this Honourable Board.

With costs and from now the respondents are summoned so that a reference to their oath be made and reserving any further action by the applicants.

Applicant: Olaph Terribile, Melitta, 15, Triq Sir Arturo Mercieca, Naxxar NXR 1333

Ottilia Terribile, Casa Terribile, 5, Triq Bontadini, Balzan BZN 1730

Respondents: Charles Grima u Rita Grima, 31, Carmel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid
Housing Authority

The application in the names Olaph John Terribile et vs Charles Grima et, Application number 558/2020JD, has been postponed for hearing to the 31st May, 2023, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

385

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ġunju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Paolina Mifsud vs Joseph Borg et, Rikors numru 284/2022LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Joseph Borg u Joyice Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 27th June, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Paolina Mifsud vs Joseph Borg et, Application number 284/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Joseph Borg and Paolina Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Paolina Mifsud (KI 262164M) vs Joseph Borg (KI 747553M) u Joyice Borg (KI 886556M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-4 ta' April, 2022, ir-rikorrenti Paolina Mifsud talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jsir debitu test tal-mezzi tal-intimati u dan b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xieraq u opportuni, skont ir-riżultanzi tat-test tal-mezzi u ċjoè, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimati Borg mill-fond numru 10, Triq Dun Franġisk Sciberras, Il-Mellieħa, fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skont il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat;

3. F'każ illi jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għall-ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fl-1 ta' Jannar, 2022, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimati kif dikjarat.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati Borg li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: 128, Narcissa, Triq il-Vanilja, L-Imġarr

Intimat: 67, Triq Dun Frangisk Sciberras, Il-Mellieħa

Ir-rikors fl-ismijiet Paolina Mifsud vs Joseph Borg et, Rikors numru 284/2022LC, jinsab differit għat-22 ta' Frar, 2023, fid-9.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names Paolina Mifsud (ID 262164M) vs Joseph Borg (ID 747553M and Joyice Borg (ID 886556M) filed in the Rent Regulation Board, on the 4th April, 2022, the applicant Paolina Mifsud requested this Honourable Board why it should not:

1. Carry out the means test of the respondents, in terms of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Gives those orders that deems fit and opportune, according to the results of the means test and that is if the criteria of the means test are not met, order immediately the eviction of the respondents Borg from the premises 10, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieħa, within a peremptory time established by this same Board according to law and liquidate the compensation due in terms of Article 4A(4) of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondent to pay the compensation as liquidated;

3. In case the criteria of the means test are met, order the continuation of the relative lease in favour of the respondents, establish new conditions regarding the payment of the rent and declare that the rent shall be revised to the amount up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January, 2022, and order the respondents to pay the applicant the revised rent.

With costs and legal interest against the respondents Borg who are hereby summoned so that a reference to their oath be made and without prejudice for any other action that may eventually be filed.

Applicant: 128, Narcissa, Triq il-Vanilja, Mġarr

Respondents : 67, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieħa.

The application in the names Paolina Mifsud vs Joseph Borg et, Application number 284/2022LC, has been postponed for hearing to the 22nd February, 2023, at 9.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th February 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

386

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fl-14 ta' Diċembru, 2022, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 564/2022FDP, li ġie ppreżentat fil-21 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet: Borg Joseph Avukat Dott. et vs Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tagħti lir-rikorrenti

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on 14th December, 2022, in the acts of Constitutional Application number 564/2022FDP, which was presented on 21st October, 2022, in the names: Borg Joseph Lawyer Dr et vs State Advocate et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Order

kull rimedju u/jew provediment ieħor meħtieġ u meqjus xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi. Bl-imgħax legali fejn applikabbli, u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-20 ta' Frar, 2023, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Borg Carmen, Borg Flats, Flat 2, Triq Bonvita, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that the plaintiff be given any remedy and/or other provision necessary and considered appropriate and opportune in the circumstances. With legal interest where applicable, and with all costs against the respondents who are now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Constitutional Applicationin the names mentioned above is postponed to 20th February, 2023, at 9.30 a.m.

Notification Respondent: Borg Carmen, Borg Flats, Flat 2, Triq Bonvita, Tas-Sliema

Register of the Superior Courts, today 9th February, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

387

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 744/2021, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Houdaifa Nahi, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Houdaifa Nahi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 24 ta' Frar, 2021

Lil Houdaifa Nahi (KI 57708L) ta' 221C, Fl B, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €3,228.04 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €1,636 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €1,592.04 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-1 ta' Frar, 2021, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 075-055558-340, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Loan mill-bank mittent u aċċettata minnek oltre l-imgħax mit-2 ta' Frar, 2021, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutatment interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €21,285.56 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €11,014.29 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €10,271.27 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-1 ta' Frar, 2021, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 075-055558-341, liema

By means of a decree of the 14th October, 2022, in the records of the judicial letter number 744/2021, in the names HSBC Bank Malta plc vs Houdaifa Nahi, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Houdaifa Nahi in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th February, 2021

To Houdaifa Nahi (ID 57708L) of 221C, Fl B, Triq ir-Repubblika, Valletta

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €3,228.04 representing as for the amount of €1,636 as the capital sum and as for €1,592.04 as the interest accrued on the capital till the 1st February, 2021, which amount is due on the account number 075-055558-340, which amount was duly given to you by the Loan facility by the interpellant Bank and accepted by you besides the interest from the 2nd February, 2021, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment.

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €21,285.56 representing as for the amount of €11,014.29 as the capital sum and as for €10,271.27 as the interest accrued on the capital till the 1st February, 2021, which amount is due on the account number 075-055558-341, which amount was

somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Loan mill-bank mittent u aċċettata minnek oltre l-imgħax mit-2 ta' Frar, 2021, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutatment interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ int mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda' preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

duly given to you by the Loan facility by the interpellant Bank and accepted by you besides the interest from the 2nd February, 2021, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Superior Courts, today 9th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

388

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Jannar, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 751/2022, fl-ismijiet Lorraine Valvo vs Andrew Formosa et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Edrick Baldwin a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Andrew Formosa u Edrick Baldwin (KI 530388M) ta' 107, Maria Grazia, Triq Nazzarenu, Raħal Ġdid, fil-11 ta' April, 2022, Lorraine Valvo (Ki 553191M) ta' Seaview, Sqaq Qaċċawiet, Ix-Xgħajra, Malta, tagħmlilkom referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnkom innumerati minn numru 11 sa n-numru 14, kopja ta' liema qed jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar il-31 tax-xahar u ċjoè bejn il-31 ta' Diċembru, 2019 u l-31 ta' Jannar, 2020, u t-28 ta' Frar, 2020 u l-31 ta' Marzu, 2020, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejtu interpellati kemm-il darba, tinterpellakom sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilkom ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu lill-mittenti s-somma kumplessiva ta' €14,285.68 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnkom iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-mittenti tavżakom illi jekk tonqsu milli tottempraw ruħkom mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-

By means of a decree of the 9th January, 2023, in the records of the judicial letter number 751/2022, in the names Lorraine Valvo vs Andrew Formosa et the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Edrick Baldwin in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Andrew Formosa and Edrick Baldwin (ID 530388M) of 107, Maria Grazia, Triq Nazzarenu, Raħal Ġdid, on the 11th April, 2022, Lorraine Valvo (ID 553191M) of Seaviw, Sqaq Qaċċawiet, Xgħajra, Malta, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 11 till 14, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 31st day of the month and that is between the 31st December, 2019 and 31st January, 2020, and 28th February 2020 and 31st March, 2020, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant the total amount of €14,285.68 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the

imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u effetti kollha tal-liġi, kunu avżati illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżentaw rikors sabiex topponu għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tagħkom jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tagħkom u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourselves.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 9th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

389

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1864/2022, fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Charter Properties Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Charter Properties Limited, Lara Investments Limited u Jeffrey Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' Mejju, 2022

Lil: Charter Properties Limited (C69311) ta' 1, Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

Lara Investments Limited (C24441) ta' Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin, Malta

Jeffrey Attard (KI 428673M) ta' 1, Lara Buildings, Apt 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin, Malta

Permezz tal-preżenti, Lombard Bank Malta plc ta' 67, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jirriferikom formalment għall-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef datat 14 ta' Lulju, 2015, li in forza tiegħu l-Bank mittenti issomministra b'titolu ta' self lis-soċjetà intimata Charter Properties Limited is-somma ta' €54,000.00, liema self huwa garantit mill-intimati l-oħra solidalment bejniethom u

By means of a decree of the 20th October, 2022, in the records of the judicial letter number 1864/2022, in the names Lombard Bank Malta vs Charter Properties Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Charter Properties Limited, Lara Investments Limited and Jeffrey Attard in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th May, 2022

To Charter Properties Limited (C69311) of 1, Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin

Lara Investments Limited (C24441) of Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin, Malta

Jeffrey Attard (ID 428673M) of 1, Lara Buildings, Apt 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin, Malta

By means of this present, Lombard Bank Malta plc of number 67, Triq ir-Repubblika, Valletta, formally refers you to the deed of loan in the records of Notary Bartolomeo Micallef dated 14th July, 2015, by means of which the interpellant Bank gave by title of loan to the interpellant company Charter Properties Limited the amount of €54,000.00, which loan is guaranteed by the other

mas-soċjetà debitriċi prinċipali. Kopja legali ta' tali att hija hawn annessa, animo ritrandi bħala Dok. LB1.

Il-Bank mittenti għalhekk jinterpellakom sabiex żmien sebat ijiem mid-data tan-notifika lilkom ta' din l-ittra uffiċjali, solidalment bejnietkom tħallsuh is-somma komplessivament ta' €38,118.17 minnkom lilu dovuta skont l-anness statement immarkat Dok. LB2, liema ammont jinkludi interessi kalkolati sal-31 ta' Marzu, 2022.

Fin-nuqqas ta' ħlas fit-terminu lilkom prefiss, il-Bank mittenti, filwaqt li jirtira d-dokument LB1 hawn anness jipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skont il-liġi permezz tal-opportuni proċeduri eżekuttivi bla preavviż ulterjuri.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbaghat lilkom inter alia għall-finijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 u hija intiża sabiex tirrendi l-kuntratt notarili hawn fuq imsemmi eżegwibbli u b'hekk jiġi li l-istes kuntratt ikun jikkositwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tagħkom proprio kif maħsub fl-artikolu 253(b) tal-Kap. 12.

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet ulterjuri sal-effettiv pagament

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

respondents in solidum between them and with the principal debtor company. Legal copy of such deed is here attached, animo ritrandi as Doc. LB1.

The interpellant Bank thus is soliciting you so that within seven days from the date of notification to you of this judicial letter, in solidum between you, you pay the total amount of €38,18.17 due by you according to the attached statement marked as Doc. LB2, which amount includes the interest calculated till the 31st March, 2022.

In default of payment in the time given to you, the interpellant Bank, whilst withdrawing document LB1 here attached, will proceed further against you according to law by means of the opportune executive procedures and without further notice.

This judicial letter is being sent to you inter alia for the purposes of Article 256(2) of Cap. 12 and is intended to render the notarial deed above mentioned executable, and thus the same contract will be rendered executive title against you, as intended, in article 253(b) of Cap. 12.

So much that you know how to proceed

With costs and further interest till the effective payment

Registry of the Superior Courts, today 9th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

390

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Lulju, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 734/2022, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Fenech Estates Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' Frar, 2022

Lil Fenech Estates Ltd ta' (Car Care Products Ltd), 1, Marine Alley 3, Il-Kalkara

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €100 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru inkonnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

By means of a decree of the 25th July, 2022, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 734/2022, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs Fenech Estates Ltd, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd February, 2022

To Fenech Estates Ltd of (Car Care Products Ltd) 1, Marine Alley 3, Kalkara

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €100 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Camilleri Joseph noe vs Fenech Michael A. et noe (MCH, JRM, TM), deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2021

Tista' wkoll tħallas online billi tidħol fis-sit (ecourts.gov.mt) u tagħżel il-ħolqa 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Camilleri Joseph noe vs Fenech Michael A et noe (MCH, JRM, TM), decided on the 1st December, 2021

You can also pay online by accessing the website: ecourts.gov.mt and choose the link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). In default the applicant reserves the right to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

391

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2454/22, fl-ismijiet Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Jimmy Gini, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Jimmy Gini (KI 166467A) ta' 15, Triq is-Sajjied, Birkirkara, fit-3 ta' Ottubru, 2022, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra, inti tħallas is-somma ta' €3,344.54 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei skont l-anness dokument immarkat Dok. A.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 22nd Diċembru, 2022, in the records of the judicial letter number 2454/22, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Jimmy Gini, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Jimmy Gini (ID 166467A) of 15, Triq is-Sajjied, Birkirkara, on the 3rd October 2022, Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €3,344.54 representing overpayment done from Mater Dei Hospital according to the attached document and marked as Doc. A.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 9th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

392

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Frar, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2111/2019, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Daniel Ellul Sullivan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Ottubru, 2019

Lil Daniel Ellul Sullivan (KI 45671M) ta' The Penthouse, Elgin Court, Sqaq is-Siġra, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €4370.02 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €3733.01 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €637.01 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sat-30 ta' Settembru, 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 002-086585-340, ġja bin-numru 4035710035692685, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Visa Advance Business, mill-bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mill-1 ta' Ottubru, 2019, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1,035.88 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €854.06 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €181.82 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sat-30 ta' Settembru, 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 002-086585-050, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Savings li ġiet debitament mogħtija lilek mill-bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mill-1 ta' Ottubru, 2019, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €2695.21 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €2311.66 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €383.55 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sat-30 ta' Settembru, 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 002-237267-001, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Current li ġiet debitament mogħtija lilek mill-bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mill-1 ta' Ottubru, 2019, sad-data ta'

By means of a decree of the 3rd February, 2022, in the records of the judicial letter number 2111/2019, in the names HSBC Bank Malta plc vs Daniel Ellul Sullivan, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 11th October, 2019

To Daniel Ellul Sullivan (ID 45671M) of the Penthouse, Elgin Court, Sqaq is-Siġra, St Julian's

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €4370,02 representing as for the amount of €3733.01 as capital and as for the amount of €637.01 as interest that accrued on the capital till the 30th September, 2019, which amount is due on the account number 002-086585-340 previously with number 4035710035692685 which amount was duly given to you by means of the Visa Advance Business facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 1st October, 2019, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default; and

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1,035.88 representing as for the amount of €854.06 as capital and as for the amount of €181.82 as interest that accrued on the capital till the 30th September, 2019, which amount is due on the account number 002-086585-050 which amount is Encroachment that was duly given to you by means of the Savings facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 1st October, 2019, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default; and

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €2695.21 representing as for the amount of €2311.66 as capital and as for the amount of €383.55 as interest that accrued on the capital till the 30th September, 2019, which amount is due on the account number 002-237267-001 which amount is Encroachment that was duly given to you by means of the Current facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 1st October, 2019, till the date of this letter,

din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jigu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiz-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mentsili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompli l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 9th February, 2023

